IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.2.2019
COM(2019) 95 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u tad-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE)
It-Tieni Pjanijiet ta' Mmaniġġar tal-Baċini tax-Xmajjar
L-Ewwel Pjanijiet ta' Mmaniġġar tar-Riskju tal-Għargħar

{SWD(2019) 30 final} - {SWD(2019) 31 final} - {SWD(2019) 32 final} -
{SWD(2019) 33 final} - {SWD(2019) 34 final} - {SWD(2019) 35 final} -
{SWD(2019) 36 final} - {SWD(2019) 37 final} - {SWD(2019) 38 final} -
{SWD(2019) 39 final} - {SWD(2019) 40 final} - {SWD(2019) 41 final} -
{SWD(2019) 42 final} - {SWD(2019) 43 final} - {SWD(2019) 44 final} -
{SWD(2019) 45 final} - {SWD(2019) 46 final} - {SWD(2019) 47 final} -
{SWD(2019) 48 final} - {SWD(2019) 49 final} - {SWD(2019) 50 final} -
{SWD(2019) 51 final} - {SWD(2019) 52 final} - {SWD(2019) 53 final} -
{SWD(2019) 54 final} - {SWD(2019) 55 final} - {SWD(2019) 56 final} -
{SWD(2019) 57 final} - {SWD(2019) 58 final} - {SWD(2019) 59 final} -
{SWD(2019) 60 final} - {SWD(2019) 61 final} - {SWD(2019) 62 final} -
{SWD(2019) 63 final} - {SWD(2019) 64 final} - {SWD(2019) 65 final} -
{SWD(2019) 66 final} - {SWD(2019) 67 final} - {SWD(2019) 68 final} -
{SWD(2019) 69 final} - {SWD(2019) 70 final} - {SWD(2019) 71 final} -
{SWD(2019) 72 final} - {SWD(2019) 73 final} - {SWD(2019) 74 final} -
{SWD(2019) 75 final} - {SWD(2019) 76 final} - {SWD(2019) 77 final} -
{SWD(2019) 78 final} - {SWD(2019) 79 final} - {SWD(2019) 80 final} -
{SWD(2019) 81 final} - {SWD(2019) 82 final} - {SWD(2019) 83 final} -
{SWD(2019) 84 final}

1. INTRODUZZJONI

L-ilma huwa indipensabbli għall-ħajja u għaldaqstant għas-soċjetà u l-ekonomija tagħna. L-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma se jkollu rwol importanti biex il-bniedem ikun jista' jadatta ruħu għall-ambjent mibdul tiegħu, u jgħin biex jiġi evitat li ż-żieda fit-temperatura globali taqbeż il-1,5 °Celsius[1]. Aktar minn qatt qabel, l-immaniġġjar ta' din ir-riżorsa essenzjali jirrikjedi approċċ verament integrat, li jqis id-dimensjonijiet ambjentali, soċjali, ekonomiċi u tas-saħħa.

Dan il-ħames rapport ta' implimentazzjoni jippreżenta l-istat ta' implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma[2] (WFD) u tad-Direttiva dwar l-Għargħar[3] (FD) abbażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tat-tieni grupp ta' Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċini tax-Xmajjar (RBMPs) u tal-ewwel grupp ta' Pjanijiet ta' Mmaniġġar tar-Riskju ta' Għargħar (FRMPs) imħejjija u rrapportati mill-Istati Membri għall-perjodu bejn l-2015 u l-2021. Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 18 tad-WFD u l-Artikolu 16 tal-FD rispettivament; iwieġeb ukoll għall-Artikolu 11 tad-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art.

Id-WFD, li ġiet introdotta fl-2000, tiżgura l-integrazzjoni sħiħa tal-perspettivi ekonomiċi u ekoloġiċi fl-immaniġġjar tal-kwalità u l-kwantità tal-ilma. L-objettiv ewlieni tagħha huwa li sal-2015 jinkiseb stat tajjeb għall-aktar minn 111 000 ilma tal-wiċċ (eż. xmajjar, lagi, ilmijiet kostali) u għall-aktar minn 13 000 ilma ta' taħt l-art fit-territorju tal-UE. Madankollu, id-WFD tippermetti li jkun hemm estensjonijiet għall-iskadenza tal-2015, sakemm dawn ikunu limitati għal mhux aktar minn 2 ċikli oħra (jiġifieri l-perjodu preżenti ta' bejn l-2015 u l-2021, u l-perjodu li jmiss ta' bejn l-2021 u l-2027), sakemm ma jkunx hemm kundizzjonijiet naturali[4] li jipprevjenu l-ksib tal-objettivi tad-WFD fil-limiti taż-żmien stabbiliti. Il-kisba ta' "stat tajjeb" tfisser l-iżgurar ta' stat ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-ilmijiet tal-wiċċ u stat kwantitattiv u kimiku tajjeb tal-ilmijiet ta' taħt l-art, li huma sorsi ewlenin ta' astrazzjoni tal-ilma tax-xorb.

L-FD, li kienet ġiet introdotta seba' snin wara bħala waħda mir-reazzjonijiet għall-għargħar kbar tul ix-xmajjar Danubju u Elbe fis-sajf tal-2002, tistabbilixxi qafas għat-tnaqqis tar-riskji tal-ħsara mill-għargħar fl-UE. Illum, dan l-għan huwa aktar rilevanti minn qatt qabel, fid-dawl taż-żieda fl-għargħar fl-Ewropa kollha. Hekk kif javvanza t-tibdil fil-klima u jespandu l-insedjamenti urbani[5], l-inċertezzi dwar l-immaniġġar tar-riskju tal-għargħar jirrikjedu monitoraġġ u aġġustament kontinwi ta' prattiki sabiex tiġi żgurata l-anqas ħsara possibbli. Dan ir-rapport jiffoka fuq il-progress li sar sa issa, abbażi tal-ewwel FRMPs.

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn sensiela ta' Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni b'ħarsiet ġenerali tal-UE kif ukoll b'valutazzjonijiet u sommarji ta' kooperazzjoni internazzjonali ta' Stati Membri individwali.

[1] Ara r-rapport "Global Warming of 1.5 °C", adottat fit-48 sessjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) tas-6 ta' Ottubru 2018 għall-effetti u l-impatti mistennija ta' xenarji ta' 1,5° C u 2° C.

[2] 2000/60/KE; issupplimentata bid-Direttivi dwar l-Ilma ta' taħt l-Art (2006/118/KE) u dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali (2008/105/KE).

[3] 2007/60/KE

[4] Eż. l-irkupru bil-mod tal-ekosistemi wara l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr tax-xmajjar jew rati baxxi ta' tnaqqis fil-konċentrazzjonijiet tan-nitrat fl-ilma ta' taħt l-art.

[5] Eż. permezz ta' tibdiliet soċjoekonomiċi bħat-teħid tal-assi fil-pjanuri mfawra.

2. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ADOZZJONI U TAR-RAPPORTAR

L-Istati Membri kollha approvaw l-RBMPs u l-FRMPs tagħhom, minbarra l-FRMPs tal-Gżejjer Kanarji (Spanja)[6].

Għalkemm dawn tjiebu meta mqabbla mal-eżerċizzju ta' rapportar preċedenti, ħafna Stati Membri adottaw il-Pjanijiet tagħhom tard (wara t-22 ta' Diċembru 2015), jew kienu tard fir-rapportar tagħhom permezz tal-bażi ta' *data* tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa (WISE) (ir-rapportar kellu jintemm sat-22 ta' Marzu 2016)[7]. Ċerti perjodi ta' dewmien kienu ta' sentejn jew aktar. Il-Kummissjoni fetħet proċedimenti legali kontra l-Istati Membri kollha bi ksur tar-rekwiżiti ta' rapportar legali tagħhom.

3. VALUTAZZJONI TAT-TIENI GRUPP TA' RBMPS U L-EWWEL GRUPP TA' FRMPS

L-informazzjoni inkluża fl-RBMPs u fl-FRMPs ittellgħet fir-repożitorju diġitali komuni, WISE, amministrat mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). Il-Kummissjoni użat il-WISE bħala bażi għall-valutazzjoni tagħha, flimkien ma' informazzjoni miksuba direttament mill-RBMPs u l-FRMPs nazzjonali u internazzjonali.

L-Irlanda, il-Greċja u l-Gżejjer Kanarji Spanjoli naqsu milli jirrapportaw fil-ħin l-RBMPs kif ukoll l-FRMPs tagħhom lill-WISE sabiex dawn jiġu vvalutati, filwaqt li l-Litwanja, u r-Renju Unit għall-Ġibiltà naqsu milli jagħmlu dan għall-RBMPs tagħhom. Għalhekk, dan ir-rapport ma jkoprix dawn il-pajjiżi jew ir-reġjuni.

Il-Kummissjoni qieset ir-riżultati tal-Konferenza dwar l-Ilma li saret fl-20 u fil-21 ta' Settembru 2018 fi Vjenna, tat l-opportunità lil firxa ta' partijiet ikkonċernati u ta' Stati Membri jipprovdu l-kontributi għar-rapport tagħha.

Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll il-kummenti li għamlu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar ir-rapporti ta' implimentazzjoni preċedenti. Il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-ilma fl-2015, fejn enfasizza, fost l-oħrajn, l-importanza tal-immaniġġjar tal-kwalità u tal-kwantità tal-ilma, il-ħtieġa ta' implimentazzjoni sħiħa tal-liġi tal-UE dwar l-ilma u li din tiġi integrata iżjed f'politiki oħra tal-UE. Talab lill-Istati Membri jlestu u jimplimentaw l-RBMPs tagħhom u jipprovdu l-informazzjoni rilevanti online. Enfasizza wkoll is-sinerġiji bejn l-RBMPs u l-FRMPs. Il-Kunsill ħareġ diversi settijiet ta' Konklużjonijiet bejn l-2007 u l-2016.[8] Enfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi implimentat b'mod sħiħ l-acquis tal-UE dwar l-ilma biex l-ilmijiet jitħarsu kontra d-deterjorament u jiksbu, progressivament, stat tajjeb, u talab lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jintegraw aħjar dawn l-isforzi f'politiki rilevanti oħra. Fir-rigward tal-għargħar, b'mod partikolari, il-Kunsill irrefera għall-użu tal-infrastruttura ekoloġika u għall-miżuri ta'

---

[6] Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-RBMP ta' La Gomera ġie approvat fis-17 ta' Settembru 2018, ta' Tenerife u La Palma fis-26 ta' Novembru 2018, ta' Fuerteventura, ta' Lanzarote u ta' El Hierro fis-26 ta' Diċembru 2018, u tal-Gran Kanarja fil-21 ta' Jannar 2019.

[7] Il-format għar-rapportar elettroniku kif ukoll gwida għar-rapportar kienu tfasslu b'mod konġunt mill-Istati Membri, il-partijiet ikkonċernati u l-Kummissjoni bħala parti minn proċess kollaborattiv imsejjaħ l-"Istrateġija ta' Implimentazzjoni Komuni" (CIS).

[8] Dwar L-iskarsezza tal-ilma u n-nixfiet tat-30 ta' Ottubru 2007; dwar L-iskarsezza tal-ilma, in-nixfa u l-adattament għat-tibdil fil-klima tal-11 ta' Ġunju 2010; dwar il-Ġestjoni integrata tal-għargħar fi ħdan l-UE tat-12 ta' Mejju 2011; dwar Il-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u l-immaniġġjar integrat sostenibbli tal-ilma fl-UE u lil hinn minnha tal-21 ta' Ġunju 2011; dwar Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa tas-17 ta' Diċembru 2012; dwar id-diplomazija fil-qasam tal-ilma tal-UE tat-22 ta' Lulju 2013; u l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma tas-17 ta' Ottubru 2016

żamma naturali tal-ilma bħala mezzi li jnaqqsu r-riskji tal-għargħar. Il-Kummissjoni tappoġġja dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha u impenjat ruħha li taġixxi kif mistħoqq.

4. WFD - SEJBIET MIT-TIENI RBMPS

Ir-Rapport taż-ŻEE dwar l-Istat tal-Ilma, maħruġ f'Lulju 2018[9], jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-istat tal-korpi tal-ilma tal-Ewropa, kif irrapportat mill-Istati Membri skont id-WFD.

Juri li sa issa, 74 % tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art tal-UE kisbu stat kimiku tajjeb u 89 % minnhom kisbu stat kwantitattiv tajjeb.

Is-sitwazzjoni hija anqas inkoraġġanti għall-ilmijiet tal-wiċċ: 38 % minnhom biss jinsabu fi stat kimiku tajjeb u 40 % biss jinsabu fi stat jew potenzjal ekoloġiku tajjeb[10]. Hemm numru żgħir ta' kontaminanti individwali, li l-aktar komuni fosthom huwa l-merkurju[11], għandhom impatt kbir fuq l-istat. Qed jittieħdu azzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak internazzjonali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-merkurju u ta' kontaminanti oħra, li rriżultaw f'titjib fir-rigward tal-livelli ta' xi sustanzi individwali.

Meta mqabbla maċ-ċiklu ta' bejn l-2009 u l-2015, kien numru limitat biss ta' korpi tal-ilma li tejbu l-istat tagħhom. Dan jista' jkun minħabba l-identifikazzjoni tardiva tal-pressjonijiet, il-ħin itwal meħtieġ biex jitfasslu miżuri ta' politika effettivi, l-introduzzjoni bil-mod ta' miżuri, il-ħin ta' reazzjoni tan-natura qabel ma jieħdu effett il-miżuri, iżda anki standards ogħla ta' kwalità u monitoraġġ u rapportar imtejba li jiżvelaw li korpi tal-ilma li preċedentement kienu ġew ikkwalifikati li jinsabu fi stat "mhux magħruf" kienu fil-fatt jinsabu fi stat "mhux sodisfaċenti".

B'mod ġenerali, saru sforzi sostanzjali biex tiġi implimentata d-WFD. Implimentazzjoni aħjar ta' partijiet oħrajn tad-dritt tal-Unjoni li huma marbuta mill-qrib kellha wkoll effett pożittiv. Dan jirrigwardja b'mod partikolari d-Direttivi dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi, dwar in-Nitrati u dwar l-Emissjonijiet Industrijali u d-dritt tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

Ir-rapport taż-ŻEE jikkonkludi li l-ilmijiet Ewropej jibqgħu taħt pressjoni sinifikanti kemm minn tniġġis iġġenerat minn sorsi diffużi (eż. l-agrikoltura, l-infrastruttura tat-trasport) kif ukoll minn sors puntiformi (eż. l-industrija jew il-produzzjoni tal-enerġija), astrazzjoni żejda u bidliet idromorfoloġiċi li jirriżultaw minn firxa ta' attivitajiet tal-bniedem.

4.1 Valutazzjoni fil-livell nazzjonali jew subnazzjonali

Governanza xierqa fil-livell tal-baċin tax-xmara hija prekundizzjoni essenzjali għall-kisba tal-objettivi tad-WFD. Sa issa, l-Istati Membri kollha ħatru awtoritajiet kompetenti, ħafna drabi ta' tipi diversi, u jenfasizzaw l-importanza tal-koordinazzjoni bejniethom. Dawn użaw diversi metodi biex jikkonsultaw mal-partijiet ikkonċernati. Issa hemm ħafna korpi konsultattivi permanenti stabbiliti. Il-konsultazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati wasslet għal tibdiliet fl-abbozz tal-RBMPs; madankollu, ma kienx dejjem ċar kif il-kontribuzzjonijiet influwenzaw l-RBMP adottat.

[9] https://www.eea.europa.eu/publications/state-of-water

[10] Potenzjal Ekoloġiku Tajjeb huwa l-objettiv li jrid jintlaħaq minn korp tal-ilma modifikat ħafna jew artifiċjali.

[11] Sustanzi oħra li jinsabu kullimkien u li huma persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi li minħabba fihom ma jinkisibx stat kimiku tajjeb huma l-pBDEs (l-etere tad-difenil polibromurat), it-tributiltin u ċerti idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (Benżo(a)piren, benżo(g,h,i)perilen, indeno(1,2,3-cd)piren, benżo(b)fluworanten u benżo(k)fluworanten).

L-Istati Membri jridu jipprovdu analiżi tal-karatteristiċi ta' kull **distrett tal-baċin tax-xmara (RBD)**, b'eżami mill-ġdid tal-impatt tal-attività tal-bniedem u analiżi ekonomika tal-użu tal-ilma. Din il-"**karatterizzazzjoni**" trid tiġi aġġornata kull sitt snin. Jeħtieġ li jingħataw ukoll il-limiti u l-post ta' kull korp tal-ilma. Għal kull ċiklu, din id-"delineazzjoni" trid tiġi vverifikata u aġġornata, u jridu jiġu indikati l-bidliet fil-pressjonijiet u fl-impatti fuq l-istat tal-ilma. Id-delineazzjoni nbidlet f'madwar 4 minn 10 każijiet, ħafna drabi mingħajr spjegazzjoni ċara. Id-deskrizzjonijiet ta' pressjonijiet importanti ġeneralmentikunu aktar ċari billi l-kriterji huma ddefiniti aħjar. Madankollu, għad hemm lok għal titjib, billi għal proporzjon kbir ta' korpi tal-ilma, kienu ġew irrapportati impatti mhux magħrufa ta' oriġini antropoġenika u pressjonijiet ta' motivaturi mhux magħrufa (b'mod speċjali pressjonijiet idromorfoloġiċi).

Sar xi titjib metodoloġiku li ppermetta t-traċċar tal-progress kif ukoll il-komparabbiltà tad-*data* aktar faċli fir-rigward tal-istabbiliment ta' meta, kif mitlub mid-WFD, korp tal-ilma mmodifikat ħafna jew korp tal-ilma artifiċjali jistgħu jitqiesu li kisbu **Potenzjal Ekoloġiku Tajjeb**.

Il-**monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' stat ekoloġiku u kimiku ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ** juru stampa differenti f'termini tal-parametri mkejla u l-komparabbiltà tar-riżultati. Fl-UE kollha hemm diversità kbira fil-monitoraġġ ta' Sustanzi Prijoritarji[12], kemm f'termini tal-perċentwal tal-korpi tal-ilma kif ukoll tan-numru tas-sustanzi. Il-maġġoranza tal-Istati Membri mmonitorjaw is-Sustanzi Prijoritarji kollha identifikati bħala skarikati fl-RBDs tagħhom. L-Istati Membri kollha rrapportaw inventarji ta' emissjonijiet, ta' skariki u tat-telf ta' sustanzi ta' ħsara bħal dawn, iżda ftit minnhom biss tlestew.

Il-fatt li, sa kmieni fl-2018, ma kien hemm l-ebda sistema ta' interkalibrazzjoni komuni formali għal ħafna tipi ta' ilma[13], xorta waħda jagħmilha diffiċli ħafna biex isir tqabbil bejn il-korpi tal-ilma f'dan it-tieni ċiklu ta' rapportar.

Madankollu, kien possibbli li jiġi stabbilit l-istat tal-korpi tal-ilma kważi kollha, u dan naqqas ħafna mill-inċertezza li kienet instabet qabel. Minkejja dan, għad fadal lakuni importanti fil-monitoraġġ tal-istat ekoloġiku.

B'mod ġenerali, il-monitoraġġ tal-elementi ta' kwalita f'kull kategorija tal-ilma, fl-aħjar każ, huwa kemxejn limitat, u jiddependi b'mod eċċessiv fuq ir-raggruppar ta' diversi korpi tal-ilma differenti u fuq ġudizzju espert, aktar milli fuq valutazzjoni aktar bir-reqqa ta' kull korp tal-ilma rilevanti skont il-parametri speċifiċi tad-WFD. Jinħtieġu aktar sforzi biex in-netwerks tal-monitoraġġ adegwati jilħqu kopertura spazjali u affidabbiltà tal-valutazzjoni suffiċjenti.

Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-istat kwantitattiv u kimiku tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art ittejbu, għalkemm numru sinfikanti ta' dawn il-korpi għad ma għandhomx siti ta' monitoraġġ xierqa. Hawnhekk, id-WFD hija kkomplementata mid-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, li tiddeskrivi, b'mod partikolari, il-lista ta' kontaminanti rilevanti, il-valuri ta' limitu u x-xejriet għall-valutazzjoni tal-istat kimiku. Iż-żewġ Direttivi jaħdmu f'sinerġija wkoll ma' liġijiet oħra tal-UE, bħad-Direttivi dwar l-Ilma tax-Xorb (DWD) u dwar in-Nitrati. Il-monitoraġġ tal-istat kimiku għadu ma laħaqx standard tajjeb, u numru kbir ta' korpi tal-ilma ta' taħt l-art mingħajr monitoraġġ jew inkella b'monitoraġġ limitat tal-parametri ewlenin.

[12] Sustanzi li jippreżentaw riskju sinifikati għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu, elenkati fid-Direttiva dwar l-Istandards ta' Kwalità Ambjentali.

[13] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/229 tat-12 ta' Frar 2018.

L-**eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 tad-WFD**[14] attwalment ikopru madwar nofs il-korpi tal-ilma tal-Ewropa. Dan jirrigwarda prinċipalment korpi tal-ilma naturali, iżda dejjem iżjed qed isir jirrigwarda anki korpi tal-ilma modifikati ħafna u artifiċjali, flimkien ma' modifiki fiżiċi ġodda. Filwaqt li l-ġustifikazzjonijiet għal dawn l-eżenzjonijiet tjiebu b'mod ġenerali, il-persistenza tal-użu mifrux tagħhom huwa indikatur tal-isforzi sinifikanti li għadhom meħtieġa biex jinkiseb stat jew potenzjal tajjeb sal-2027. Madankollu, u f'konformità ma' dak li hu meħtieġ minn dak l-istess Artikolu, id-*data* rrapportata turi li l-Istati Membri jridu jiżguraw iktar li l-eżenzjonijiet li jkunu applikati għal korp tal-ilma wieħed ma jeskludux b'mod permanenti, jew ma jikkompromettux, il-kisba tal-objettivi ambjentali f'korpi tal-ilma oħra (Artikolu 4(8)), u jiggarantixxu tal-anqas il-livell ta' protezzjoni previst f'leġiżlazzjoni ambjentali oħra tal-UE (Artikolu 4(9)).

Id-WFD tirrikjedi lill-Istati Membri jidentifikaw **Programm ta' Miżuri (PoM)** [15] biex jiksbu stat tajjeb f'waqtu. Fir-rigward tal-korpi tal-ilma affettwati mill-**astrazzjoni tal-ilma**, ġew iddefiniti b'mod ġenerali l-miżuri ewlenin, iżda l-implimentazzjoni tagħhom mhijiex uniformi madwar l-Ewropa u għaldaqstant il-pressjonijiet qed jonqsu biss bil-mod. Il-fatt li l-maġġoranza tal-Istati Membri jeżentaw astrazzjonijiet żgħar mill-kontrolli jew mir-reġistrazzjoni huwa potenzjalment problematiku. In-nuqqas ta' kontroll u ta' reġistrazzjoni jista' jkun ta' ħassib, b'mod partikolari fi Stati Membri li diġà għandhom problemi ta' skarsezza tal-ilma u f'korpi tal-ilma li jiffaċċjaw problemi kwantitattivi.

L-impatti tal-**agrikoltura** huma fost il-pressjonijiet l-aktar sinifikanti li ġew identifikati mill-Istati Membri fil-maġġoranza tal-RBDs bħala pressjonijiet li joħolqu riskju potenzjali ta' deterjorament jew nuqqas ta' kisba tal-objettivi ambjentali, kemm fil-forma ta' astrazzjoni żejda kif ukoll ta' tniġġis minn sorsi diffużi. Normalment il-miżuri bażiċi[16] jkunu fis-seħħ. F'nofs il-każijiet ma ssir ebda valutazzjoni *ex ante* dwar sa liema punt se jkunu suffiċjenti l-miżuri li ttieħdu biex jitqarreb stat tajjeb. Ħafna minn dan se jiddependi wkoll fuq l-effett tal-miżuri volontarji, ħafna drabi fil-kuntest tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Bil-għan li jiżdied il-livell ta' ambizzjoni ambjentali, il-proposti tal-Kummissjoni għall-PAK il-ġdida stabbilixxew rekwiżiti obbligatorji[17] għall-bdiewa. Barra minn hekk, l-istrateġija ta' intervent iddefinita mill-Istati Membri fil-pjan strateġiku tal-PAK tagħhom għandha tqis il-ħtiġijiet identifikati fl-RBMPs u għandha tikkontribwixxi għall-kisba tal-objettivi tad-WFD. Jekk ikun

[14] L-Artikolu 4(4) jippermetti estensjoni tal-iskadenza biex jinkiseb stat jew potenzjal tajjeb lil hinn mill-2015 (kif stabbilit mill-Artikolu 4(1)). L-Artikolu 4(5) jippermetti l-kisba ta' objettivi anqas stretti. L-Artikolu 4(6) jippermetti deterjorament temporanju fl-istat ta' korpi tal-ilma. L-Artikolu 4(7) jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li fihom id-deterjorament tal-istat jew in-nuqqas ta' kisba tal-objettivi tad-WFD jistgħu jkunu permessi biex isiru modifiki ġodda fil-karatteristiċi fiżiċi tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ, alterazzjonijiet fil-livell tal-ilma ta' taħt l-art, jew degradazzjoni minn stat għoli għal stat tajjeb bħala riżultat ta' attivitajiet sostenibbli u ġodda tal-iżvilupp tal-bniedem.

[15] Ir-rapporti interim li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tal-miżuri ppjanati jenħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni sat-22 ta' Diċembru 2018.

[16] Fi ħdan kull RBD, għandu jiġi stabbilit pjan ta' miżuri biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet sinifikanti identifikati u jkunu jistgħu jinkisbu l-objettivi tal-Artikolu 4. Il-pjanjiet tal-miżuri għandhom jinkludu mill-inqas "miżuri bażiċi" u fejn meħtieġ biex jinkisbu objettivi "miżuri supplimentari".

[17] Rekwiżit Statutorju Notevolment Ġdid Nru 1 marbut mad-Direttiva 2000/60/KE: l-Artikolu 11(3)(e) u l-Artikolu 11(3)(h) rigward rekwiżiti obbligatorji biex jiġu kkontrollati s-sorsi diffużi tat-tniġġis mill-fosfati, l-SMR 2 dwar l-obbligi tad-Direttiva dwar in-Nitrati, il-KAAT 2 dwar il-protezzjoni xierqa ta' art mistagħdra u torbiera, il-KAAT 4 dwar biċċiet ta' art ta' lqugħ, il-KAAT 5 dwar l-Użu tal-Għodda tas-Sostenibbiltà tal-Azjendi Agrikoli għan-Nutrijenti, u l-KAAT 7 dwar li ma titħalliex ħamrija għerja fil-biċċa tul l-aktar perjodu sensittiv.
KAAT: Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba https://ec.europa.eu/agriculture/direct-support/cross-compliance_mt.

meħtieġ, l-Istati Membri jkollhom joffru appoġġ addizzjonali għal aktar interventi għall-protezzjoni tal-ilma permezz ta' diversi skemi volontarji[18].

Miżuri bażiċi biex jiġu indirizzati pressjonijiet minn **setturi oħra għajr l-agrikoltura**, bħall-industrija jew il-ġenerazzjoni tal-enerġija, huma ġeneralment fis-seħħ ukoll. Dawn huma, fil-maġġoranza tal-każijiet, miżuri speċifiċi biex jiġu indirizzati l-kontaminanti li qed jikkawżaw nuqqasijiet fl-istat kimiku jew ekoloġiku, bħal, pereżempju, miżuri biex jitnaqqas jew jitwaqqaf ir-rilaxx ta' ċerti kontaminanti fl-ilma. Madankollu, jinħtieġ aktar progress.

Fir-rigward ta' modifiki fiżiċi eżistenti fil-korpi tal-ilma, il-maġġoranza tal-Istati Membri rrapportaw miżuri (passaġġi għall-ħut, it-tneħħija ta' strutturi, eċċ.) imfasslin apposta biex inaqsu l-impatti ambjentali negattivi ta' **pressjonijiet idromorfoloġiċi** sinifikanti. Hemm ukoll rabta aktar ċara bejn il-miżuri, il-pressjonijiet u l-użi tal-ilma u s-setturi ekonomiċi. Il-flussi ekoloġiċi minimi jeħtieġ li jiġu ddefiniti u implimentati aħjar u jeħtieġ li jiġu żgurati l-kontinwità tax-xmara u l-immaniġġjar xieraq tas-sedimenti.

Numru ta' Stati Membri tejbu l-politiki tagħhom dwar **l-ipprezzar tal-ilma** billi ssodisfaw il-kundizzjonalità *ex-ante* għall-ilma skont ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-perjodu bejn l-2014 u l-2020. Saru passi fid-definizzjoni tas-servizzi tal-ilma, fil-kalkolu tal-ispejjeż finanzjarji, fil-kejl, fit-twettiq ta' **analiżi ekonomika** u fil-valutazzjoni tal-ispejjeż ambjentali kif ukoll dawk tar-riżorsi meta jiġu kkalkolati l-ammonti tal-irkupru tal-ispejjeż għas-servizzi tal-ilma. Madankollu, fadal lakuni sinifikanti fit-traduzzjoni ta' dawn l-elementi mtejba ta' analiżi ekonomika f'miżuri konkreti u fil-kisba ta' approċċi aktar armonizzati biex jiġu stmati u integrati l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi. Żieda fl-investimenti hija essenzjali biex jiġu ssodisfati l-objettivi tad-WFD. Aktar progress fis-sostenn ekonomiku tal-Programm ta' Miżuri jkun jiffaċilita b'mod qawwi d-deċiżjonijiet u l-investimenti relatati mal-ilma.

Ftit li xejn sar progress fir-rigward ta' **żoni protetti għall-ilma tax-xorb** u għal **żoni protetti tan-natura**. L-evalwazzjoni tad-DWD tal-1998 ivvalutat il-koerenza tagħha mad-WFD u identifikat konnessjoni nieqsa fir-rigward tal-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma tax-xorb. Għalhekk, il-proposta tal-2018 għal riformulazzjoni tad-DWD tintroduċi approċċ ibbażat fuq ir-riskju mill-astrazzjoni għall-vit, filwaqt li tippromowovi komunikazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet u l-fornituri tal-ilma tal-Istati Membri biex jiġi żgurat ċiklu sħiħ ta' governanza. Il-proposta għandha l-għan li ttejjeb il-koerenza bejn iż-żewġ Direttivi u tiżgura li japplikaw kemm il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas kif ukoll il-prinċipju ta' prekawzjoni.

Għal parti kbira taż-żoni protetti, l-għarfien dwar, pereżempju, l-istat u l-pressjonijiet, huwa nieqes u ma huma stabbiliti l-ebda objettivi. Ir-rapportar ta' monitoraġġ immirat speċifikament lejn żoni protetti, inkluż għall-frott tal-baħar, huwa limitat ħafna u xi drabi nieqes kompletament.

F'madwar nofs l-Istati Membri, **in-nixfiet** kienu kkunsidrati bħala karatteristika rilevanti għall-immaniġġjar tal-ilma. Waħda mill-miżuri ewlenin biex jiġu mitigati l-impatti tan-nixfiet hija Pjan ta' Mmaniġġjar tan-Nixfiet, iżda dan ma ġiex adottat fl-RBDs rilevanti kollha.

Għat-tielet RBMPs, jenħtieġ li l-Istati Membri

[18] L-Istati Membri se jkollhom jipproponu l-appoġġ għal ekoskemi volontarji għall-bdiewa biex iwettqu prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-ambjent u l-klima skont l-ewwel pilastru tal-PAK. Barra minn hekk, l-appoġġ għal impenji agroambjentali volontarji se jibqa' obbligatorju skont it-tieni pilastru.

- Jkomplu jtejbu l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, b'parteċipazzjoni attiva fil-proċess tal-ippjanar u fl-integrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tagħhom fl-RMBPs.

- Jidentifikaw b'mod ċar iddistakk li jridu jnaqqsu biex jinkiseb stat tajjeb għal pressjonjiet individwali u korpi tal-ilma u jfasslu, jiffinanzjaw u jimplimentaw pjanijiet ta' miżuri immirati biex jagħlquh.

- Inaqqsu d-dipendenza fuq l-eżenzjonijiet biex jiżguraw kisba f'waqtha tal-objettivi tad-WFD u jtejbu t-trasparenza fir-rigward tal-ġustifikazzjonijiet użati.
- Jiżguraw l-implimentazzjoni xierqa tal-Artikolu 9 dwar l-irkupru tal-ispejjeż, inklużi l-kalkolu u l-internalizzazzjoni tal-ambjent u l-ispejjeż tar-riżorsi għall-attivitajiet kollha b'impatt sinifikanti fuq il-korpi tal-ilma u l-analiżi ekonomika biex jiġi sostnut il-pjan ta' miżuri.

4.2 Kooperazzjoni transkonfinali skont id-WFD

Għall-baċini tax-xmajjar li jaqsmu l-fruntieri nazzjonali, id-WFD tirrikjedi li l-Istati Membri jikkoordinaw ma' xulxin u jagħmlu sforzi raġonevoli anki ma' pajjiżi mhux tal-UE, fejn rilevanti. Ħafna xmajjar Ewropej jgħaddu lil hinn mill-fruntieri tal-UE, fosthom pereżempju r-Renu u d-Danubju. Il-grad ta' kooperazzjoni jvarja. Normalment, ikun fis-seħħ ftehim internazzjonali, ħafna drabi anki korp ta' koordinazzjoni internazzjonali u, anqas frekwenti, RBMP konġunt. Ftit hemm baċini fl-UE li ma għandhom l-ebda wieħed minn dawn.

B'mod ġenerali, meta mqabbla mal-ewwel ċiklu, l-istrutturi ta' governanza komplew jiġu fformalizzati, ġew żviluppati iżjed u iżjed RBMPs internazzjonali,u l-komparabbiltà tas-sejbiet tjiebet, bħal ma għamlet ukoll il-kompatibbiltà tal-approċċi b'reazzjoni għall-pressjonijiet.

4.3 Kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell tal-Istati Membri

Il-proċedura tal-Artikolu 12 tad-WFD għal kwistjonijiet li ma jistgħux jiġu indirizzati fil-livell tal-Istati Membri ġiet invokata darba. Fl-2016 id-Danimarka enfasizzat li, biex jintlaħqu l-objettivi tad-WFD, jeħtieġ li Stati Membri oħra jieħdu azzjoni biex inaqqsu t-tagħbija tan-nitroġenu tagħhom fil-korpi tal-ilma komuni. Meta ntalbet tintervjeni, il-Kummissjoni enfasizzat li huma l-Istati Membri li primarjament huma responsabbli biex jiżguraw l-objettivi tad-WFD u nnotat li l-Artikolu 3 jipprevedi koordinazzjoni fi ħdan l-RBDs, anki dawk internazzjonali. Hija ssuġġeriet li l-ewwel jiġu eżawriti l-opportunitajiet ta' kooperazzjoni bilaterali inklużi skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

FD - SEJBIET MILL-EWWEL FRMPS

5.1 Valutazzjoni fil-livell nazzjonali

L-għażliet umani, storiċi iżda li għadhom mifruxa sal-lum il-ġurnata wkoll, għandhom effett sinifikanti fuq l-okkorrenza u l-impatti mill-għargħar[19] u teżisti evidenza li n-numru ta' avvenimenti ta' għargħar kbar żdied tul is-snin.[20] Il-projezzjonijiet huma kawża għal tħassib;

[19] Il-lokalizzazzjoni ta' assi fi ħdan il-pjanuri mfawra jew ħdejn il-kosta, it-tnaqqis ta' wċuħ li jżommu l-ilma, interventi għall-passaġġi tal-ilma jew il-madwar tagħhom u t-tibdil fil-klima instigat mill-bniedem, kollha jikkontribwixxu għal żieda fil-probabbiltà ta' avvenimenti ta' għargħar u fl-impatti negattivi tagħhom.

[20] Zbigniew W. Kundzewicz, Iwona Pińskwar & G. Robert Brakenridge (2012): Large floods in Europe (Għargħar kbar fl-Ewropa), 1985–2009, Hydrological Sciences Journal.

skont xenarju mingħajr adattament (jiġifieri jekk wieħed jassumi l-kontinwazzjoni tal-protezzjoni attwali kontra l-għargħar tax-xmajjar sa perjodu ta' ritorn li bħalissa huwa ta' 100 sena), id-danni fl-UE mill-effett ikkombinat ta' bidliet klimatiċi u soċjoekonomiċi huma mistennija li jiżdiedu minn EUR 6,9 biljun fis-sena għal EUR 20,4 biljun fis-sena sas-snin 2020, sas-snin 2050 jilħqu l-EUR 45,9 biljun fis-sena, u sat-tmeninijiet (2080) jaslu għal EUR 97,9 biljun fis-sena.[21] Għalhekk huwa loġiku li 27 mit-28 Stat Membru inkludew l-għargħar bħala riskju prinċipali fil-valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali tagħhom.[22]

L-istabbiliment tal-FRMPs, li huma għodda ta' mmaniġġjar li tintuża għat-tnaqqis ta' konsegwenzi negattivi potenzjali mill-għargħar, kien it-tielet pass tal-approċċ ċikliku għall-immaniġġjar tar-riskju tal-għargħar introdott mill-FD. Preċedentement, twettqu Valutazzjonijiet Preliminari tar-Riskju talGħargħar[23] (fl-2011) u tħejjew Mapep ta' Periklu u ta' Riskju ta' Għargħar (fl-2013) mill-Istati Membri.

F'termini ta' kompletezza, kważi l-Istati Membri kollha rrapportaw il-konklużjonijiet tal-Valutazzjonijiet Preliminari tar-Riskju ta' Għargħar u Mapep ta' Periklu u Riskju ta' Għargħar tagħhom fl-FRMPs tagħhom. L-Istati Membri kollha stabbilixxew objettivi għall-immaniġġjar tar-riskji ta' għargħar, u f'20 mis-26 Stat Membru vvalutati, dawn huma fil-livell nazzjonali jew billi jiġu adattati objettivi fil-livell nazzjonali għal ċirkostanzi reġjonali/lokali. Xi whud stabbilixxew numru żgħir ta' objettivi wisgħin, oħrajn ippreżentaw numru akbar ta' objettivi aktar dettaljati. L-Istati Membri kollha inkludew miżuri għall-kisba tal-objettivi. Madankollu, mhux l-objettivi kollha huma elaborati biżżejjed biex jippermettu l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u mhux il-miżuri kollha huma marbuta b'mod ċar mal-objettivi; meħuda flimkien, dawn in-nuqqasijiet jistgħu joħolqu sfida għat-tieni ċiklu (bejn l-2016 u l-2021), meta l-Istati Membri huma mistennija jivvalutaw il-progress.

In-numru ta' miżuri jvarja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri, u jvarja minn ftit miżuri individwali għal eluf ta' gruppi ta' miżuri. Madwar 50 % tal-miżuri jirrigwardaw il-prevenzjoni u l-istat tat-tħejjija, madwar 40 % jirrigwardaw il-protezzjoni mill-ħsara tal-għargħar u l-10 % li jifdal jirrigwardaw l-irkupru. F'termini ta' inizjattivi mhux strutturali[24], l-FRMPs kollha vvalutati jirreferu għall-ippjanar spazjali. Kull wieħed mis-26 Stat Membru li ġew ivvalutati jinkludu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura f'xi FRMPs jew fl-FRMPs kollha, jew bħala proġetti jew bħala studji preparatorji. Għalkemm l-FD ma ssemmix il-kopertura tal-assigurazzjoni kontra r-riskji tal-għargħar, aktar minn nofs l-FRMPs ivvalutati jsemmu tal-anqas xi miżuri relatati, inkluża s-sensibilizzazzjoni.

L-Istati Membri kollha rrapportaw dwar il-prijoritizzazzjoni tal-miżuri, jew ipprovdew skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom. Biex jintwera dan, madwar 10 % tal-miżuri rrapportati kienu ta' prijorità kritika, 60 % kienu ta' prijorità għolja ħafna jew għolja, 20 % kienu ta' prijorità moderata u l-bqija kienu ta' prijorità baxxa. 19 mis-26 Stat Membru li ġew ivvalutati wettqu analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżuri. Għal kważi l-Istati Membri

[21] Rojas et al. (2013) Climate change and river floods in the EU: Socio-economic consequences and the costs and benefits of adaptation (It-tibdil fil-klima u l-għargħar tax-xmajjar fl-UE: Konsegwenzi soċjoekonomiċi u l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-adattament), Global Environmental Change (Bidla Ambjentali Globali) 23, 1737–1751 disponibbli fuq:
http://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S0959378013001416#

[22] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni – Overview of natural and man-made disaster risks the European Union may face (Ħarsa Ġenerali lejn ir-riskji ta' diżastri naturali jew dawk ikkawżati mill-bniedem li l-Unjoni Ewropea tista' tiffaċċja) {SWD (2017)176 final}; https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/285d038f-b543-11e7-837e-01aa75ed71a1/language-mt

[23] Hemm kważi 8 000 żona ta' riskju potenzjali sinifikanti ta' għargħar (APSFRs) fl-UE.

[24] Miżuri li ma jinvolvux strutturi tal-inġinerija ċivili.

kollha ġie żviluppat approċċ nazzjonali[25]. Anqas Stati Membri (11) użaw analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji (CBA) fl-Unitajiet kollha ta' Mmaniġġjar (UoMs)[26] ivvalutati. 21 mis-26 Stat Membru jirreferu b'mod espliċitu għall-koordinazzjoni mal-objettivi ambjentali tal-Artikolu 4 tad-WFD fil-UoMs kollha jew tal-anqas f'xi wħud minnhom.

Madwar nofs l-Istati Membri li ġew ivvalutati ipprovdew l-istimi tal-ispejjeż tal-miżuri tal-għargħar, għalkemm, f'ħafna każijiet, dawn ma jkoprux l-FRMPs jew il-miżuri kollha. Fi 23 minn 26 Stat Membru, il-maġġoranza tal-FRMPs identifikaw sorsi ta' finanzjament, madankollu, f'ħafna każijiet dan jikkonċerna mekkamiżmi ta' finanzjament possibbli b'mod ġenerali, eż. il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

Intużat varjetà ta' mezzi ta' konsultazzjoni mal-pubbliku u mal-partijiet ikkonċernati u, b'mod ġenerali, kienu involuti firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fit-tħejjija tal-ewwel FRMPs, madankollu, ma kienx dejjem ċar kif dawn il-kontribuzzjonijiet influwenzaw l-FRMPs li ġew adottati f'diversi livelli amministrattivi u permezz ta' diversi atti.

Għat-tieni FRMPs jenħtieġ li l-Istati Membri

- Jorbtu b'mod ċar l-implimentazzjoni tal-miżuri mal-kisba tal-objettivi sabiex ikunu jistgħu jivvalutaw il-progress mit-tieni ċiklu 'l quddiem;

- Jidentifikaw sorsi ta' finanzjament speċifiċi biex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-miżuri.

5.2 Impatt tat-Tibdil fil-Klima

L-evidenza dejjem qed tiżdied li t-tibdil fil-klima se jkollu impatt sostanzjali fuq l-okkorrenza u s-severità tal-għargħar fil-parti l-kbira tal-Ewropa[27]. Aktar minn nofs l-Istati Membri kkunsidraw it-tibdil fil-klima fil-passi tal-Valutazzjonijiet Preliminari tar-Riskju ta' Għargħar u tal-Mapep ta' Periklu u Riskju ta' Għargħar. Mill-FRMPs li ġew ivvalutati u mir-rapportar tal-Istati Membri, 24 mis-26 Stat Membru kkunsidraw tal-anqas xi aspetti u għaxra minnhom ipprovdew l-evidenza li kienu kkunsidraw l-impatti tat-tibdil fil-klima. Erbatax-il Stat Membru ddiskutew xenarji klimatiċi futuri fl-FRMPs tagħhom b'diversi skedi taż-żmien (madwar nofshom għandhom xenarji għall-2050, u madwar nofs ieħor għandhom xenarji għall-2100). Anqas minn nofs jirreferu għall-istrateġiji nazzjonali ta' adattament imħejjija mill-Istati Membri skont l-Istrateġija tal-UE tal-Adattament għat-Tibdil fil-Klima. F'madwar kwart tal-Istati Membri, l-FRMPs kollha li ġew ivvalutati rreferew għal tali strateġiji nazzjonali; fi ftit Stati Membri oħra xi wħud, iżda mhux l-FRMPs kollha li ġew ivvalutati, kellhom dawn ir-referenzi.

Għat-tieni FRMPs jenħtieġ li l-Istati Membri

[25] F'Novembru 2017, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li ssaħħaħ il-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili billi inkoraġġiet reazzjoni Ewropea kollettiva aktar b'saħħitha bl-iżvilupp ta' kapaċità ta' riżerva (magħrufa bħala "rescEU") biex jiġu kkomplementati l-kapaċitajiet nazzjonali, u billi tejbet il-prevenzjoni u l-istat tat-tħejjija għad-diżastri fi fl-Istati Parteċipanti għall-Mekkaniżmu (http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-6766_mt.htm).

[26] Il-UoMs jikkoinċidu, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, mad-Distretti tal-Baċini tax-Xmajjar skont id-WFD. L-Istati Membri inkarigaw total ta' 196 UoM għall-implimentazzjoni tal-FD.

[27] Ir-rapport ta' Ottubru 2018 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima semma li l-għargħar huwa pproġettat bħala sostanzjalment aktar baxx minn 1,5°C meta mqabbel ma' 2°C tat-tisħin globali, għalkemm it-tibdiliet ipproġettati joħolqu riskji reġjonalment differenzjati (http://www.ipcc.ch/report/sr15/).

- B’mod konformi mal-Artikolu 14 tal-FD, jikkunsidraw l-impatt probabbli tat-tibdil fil-klima fuq l-okkorrenza tal-għargħar u jadattaw il-miżuri kif mistħoqq filwaqt li jagħmlu użu xieraq mill-għodod tal-immudellar tal-UE bħal dawk li huma disponibbli permezz tas-Servizz dwar it-Tibdil fil-Klima ta’ Copernicus[28];

- Jikkunsidraw l-istrateġiji nazzjonali għat-tibdil fil-klima u jikkoordinaw ma’ miżuri inklużi fihom.

5.3 Kooperazzjoni transkonfinali skont l-FD

Skont l-FD, l-Istati Membri huma meħtieġa jikkoordinaw ma’ xulxin f’baċini tax-xmajjar transkonfinali u jagħmlu wkoll sforzi biex jikkoordinaw ma’ pajjiżi terzi. Meta ġew stabbiliti strutturi ta’ koordinazzjoni, l-iżvilupp ta’ Pjan Internazzjonali ta’ Mmaniġġar tar-Riskju ta’ Għargħar (iFRMP) dejjem wassal għal objettivi komuni għall-immaniġġjar tar-riskju tal-għargħar u, fil-każijiet kważi kollha, wassal biex jiġu ddefiniti numru ta’ miżuri kkoordinati. Seħħet konsultazzjoni pubblika estensiva għal xi wħud mill-baċini fejn ġiet stabbilita kummissjoni tax-xmara, bħal fil-każ tad-Danubju, tar-Renu, tal-Elbe u tal-Odra; il-kunsiderazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-livell tal-baċin hija aktar żviluppata fejn kummissjoni tax-xmara tiġi inkarigata bil-koordinazzjoni.

Għat-tieni ċiklu, jenħtieġ li l-Istati Membri b’baċini tax-xmajjar transkonfinali

- Jkomplu jiżviluppaw approċċi komuni, filwaqt li jqisu, fl-iskala tal-baċin, l-effetti upstream u downstream tal-miżuri tat-tnaqqis tar-riskju tal-għargħar li ma jinstabux fil-viċinanza tal-fruntieri nazzjonali u jestendu l-prattika ta’ konsultazzjonijiet pubbliċi internazzjonali.

6. KONKLUŻJONIJIET

B’mod ġenerali, l-għarfien u r-rapportar dwar id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tjiebu b’mod sinifikanti meta mqabbla maċ-ċiklu preċedenti. Kien hemm aktar Stati Membri li rrapportaw b’mod f’waqtu u b’informazzjoni aktar komprensiva, rilevanti u affidabbli.

Huwa rrapportat li l-konformità mal-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma qed tiżdied b’mod gradwali. Għalkemm, f’numru ta’ Stati Membri ttieħdu miżuri ta’ politika tajbin u saru numru ta’ investimenti finanzjarji, f’ħafna baċini tax-xmara xorta waħda jrid jgħaddi xi żmien sakemm titjieb il-kwalità tal-ilma. Fil-fatt, filwaqt li mağğoranza kbira tal-korpi tal-ilma ta’ taħt l-art kisbu stat tajjeb, hemm anqas minn nofs il-korpi tal-ilma tal-wiċċ li jinsabu fi stat tajjeb, għalkemm ix-xejriet f’diversi elementi u sustanzi ta’ kwalità individwali sottostanti huma aktar pożittivi.

Għad baqa’ ħafna xi jsir biex jinkisbu b’mod sħiħ l-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u tad-Direttivi relatati, l-ewwel u qabel kollox mill-Istati Membri. L-Istati Membri se jibbenefikaw minn involviment akbar mill-atturi kollha rilevanti tas-suq u tas-soċjetà ċivili biex ikun żgurat aktar infurzar tal-prinċipju ta’ min iniġġes iħallas. Il-fondi tal-UE se jkomplu jappoġġaw dawn l-isforzi ta’ implimentazzjoni, inkluż il-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-isforzi[29] lejn il-ħolqien ta’ Suq Uniku Diġitali għas-Servizzi tal-Ilma[30]. It-triq

[28] https://climate.copernicus.eu/

[29] Proġetti rilevanti li jiżviluppaw soluzzjonijiet bħal sistemi ta’ appoġġ tad-deċiżjonijiet għall-kejl tal-kwalità u l-kwantità tal-ilma, l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-informazzjoni dwar l-ilma f’livell nazzjonali u tal-UE u l-effiċjenza tal-immaniġġjar tar-riżorsi tal-ilma huma rappreżentati fil-ICT4Water Cluster: https://www.ict4water.eu/

lejn il-konformità sħiħa mal-objettivi tad-WFD sal-2027, fejn wara din is-sena l-possibbiltajiet ta' eżenjoni huma limitati, tidher li hija ta' sfida kbira f'dan l-istadju. Ir-rapportar wera fil-fatt li, għalkemm se jittieħdu miżuri oħra sal-2021,se jkunu meħtieġa ħafna iżjed lil hinn mill-2021.

Għad-Direttiva dwar l-Għargħar, ittieħdu passi importanti ħafna. Għalkemm dawn huma l-ewwel FRMPs, huwa ċar li l-Istati Membri kollha ħaddnu b'mod fundamentali l-kunċett tal-immaniġġjar tar-risku ta' għargħar anki jekk ivarja l-grad prattiku ta' elaborazzjoni. Il-kisba tal-objettiv ewlieni tad-Direttiva dwar l-Għargħar tat-tnaqqis tal-konsegwenzi negattivi potenzjali minn għargħar sinifikanti se tirrikjedi sforzi sostnuti mill-parti tal-Istati Membri fiċ-ċikli li ġejjin.

Il-Kummissjoni se ssegwi mal-Istati Membri, skont ir-rilevanza, ir-rakkomandazzjonijiet inklużi f'dan ir-rapport u d-dokumenti ta' akkumpanjament tiegħu, biex tkun żgurata implimentazzjoni aħjar tar-rekwiżiti skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Għargħar. Se jiġi segwit ukoll l-infurzar miżjud tal-obbligi legali li jkopru l-pressjonijiet ewlenin fuq l-ambjent akkwatiku, bħal dawk li jirriżultaw mid-Direttivi dwar in-Nitrati u dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi.

Minbarra li se tkompli taħdem mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tkompli tinvoli ruħha maċ-ċittadini u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex tippromwovi l-konformità, anki permezz tar-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali. Fejn possibbli, ir-rapportar se jkompli jiġi ssimplifikat. Se tingħata attenzjoni għall-kontaminanti ġodda li jiżviluppaw, eż. il-mikroplastiċi u l-farmaċewtiċi.

Ir-rapport preżenti se jikkontribwixxi għall-Kontroll ta' Idoneità kontinwu tal-liġi tal-UE dwar l-ilma u l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi. Jikkontribwixxi wkoll għall-valutazzjoni tal-progress li jsir biex jinkisbu l-objettivi tas-7 Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE u l-Aġenda globali tal-2030 tal-Iżvilupp Sostenibbli.

L-ilmijiet tal-Ewropa qegħdin kontinwament jiġu affettwati aktar mit-tibdil fil-klima. Il-konformità mal-liġi tal-UE dwar l-ilma diġà qed tgħin biex jiġu mmaniġġjati l-effetti ta' klima li qed tinbidel, billi jiġu antiċipati aktar nixfiet u għargħar. Il-politika tal-UE dwar l-ilma għandha potenzjal konsiderevoli biex timmitiga t-tibdil fil-klima, dejjem jekk tittieħed azzjoni effettiva minn issa.

[30] Kif deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni tas-Suq Uniku Diġitali għas-Servizzi tal-Ilma: https://ec.europa.eu/futurium/en/system/files/ged/ict4wateractionplan2018.pdf